MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 685/2000/1

**JBC Trading Limited**

**vs**

**Kevin u Marcelle konjugi Demicoli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsin centezmi (Lm363.50c) rapprezentanti biljetti ta' l-ajru Malta – New York – Malta mahrug lill-konvenuti  skond invoice numru 944/2000 kopja ta' liema tinsab annessa mal-avviz u markata Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-24 ta' Frar 2000, tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru prezentati mal-avviz u bl-imghax legali mis-17 ta' Jannar 2000 data tal-hrug tal-biljetti ta' l-ajru kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2 kif ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, wahedha, u li biha eccepiet (fol 31 ibid)

1. Illi preliminarjament, l-esponenti tirrileva illi hija legalment separata minn ma' zewgha l-konvenut l-iehor permezz ta' att pubbliku datat 9 ta' Settembru 1997 in atti Nutar Dr Nicholas Vella (Dok A).

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-esponenti, u dan peress illi l-esponenti qatt ma avvicinat lill-istess socjeta' sabiex taghmel xi reservation ghal safar barra minn Malta, u ghalhekk ma hix il-legittimu kontradittur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-25 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat in-nota tas-socjeta attrici, presentata illum stess "seduta stante" u li biha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-istess konvenuta waqt li zammet it-talba taghha fil-konfront tal-konvenut.

Tiddeciedi billi, filwaqt milli tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza, fil-konfront tal-konvenuta u tiddikjara il-

provediment esawrit fil-konfront tal-istess konvenuta tilqa, fil-konfront tal-konvenut wahdu, t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm363.50,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-istess konvenut, wahdu, inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Frar 2000 u tal-mandati kawtelatojru ta' qbid u ta' sekwestru tat-23 ta' Mejju 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur